MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**MICALLEF JOSEPH R.**

Seduta ta' 09 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 2004/2001/1

**MEGABYTE LIMITED**

**vs**

**AMBROSE LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-28 ta' Ġunju, 2001, li bih is-soċjeta' attriċi ppremettiet:

Illi d-ditta konvenuta xtrat prodotti tad-ditta attriċi, kif ukoll irċeviet servizzi mingħand l-istess ditta attriċi 'on credit' u ħallset għal dan il-prodott u servizz minn żmien għal żmien;

Illi d-ditta konvenuta għad fadallha tħallas lid-ditta attriċi s-somma ta' Lm1,150 bilanċ fuq il-prezz ta' bejgħ ta' diversi prodotti lilu mibugħa u konsenjati u servizzi lilha resi;

Għalhekk is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex għar-raġunijiet premessi:

1. Tikkundanna lid-ditta konvenuta tħallas lid-ditta attriċi s-somma ta' Lm1,150 (elf, mija u ħamsin lira maltin) rappresentanti l-bilanċ fuq prezz ta' diversi prodotti tad-ditta attriċi lilu mibjugħa u konsenjati u servizzi lilha resi;

Bl-ispejjeż, inkluzi dawk tal-ittra uffiċjali tal-11 ta' Mejju, 2001, u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-imsemmija ittra uffiċjali, kontra d-ditta konvenuta li d-Diretturi tagħha huma nġunti għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-soċjeta' attriċi;

Rat in-nota tas-soċjeta' konvenuta mressqa fil-11 ta' Lulju, 2002, li biha ammettiet it-talba kif dedotta fiċ-ċitazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-soċjeta' konvenuta, it-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-soċjeta' konvenuta tiddeċiedi billi **tilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi** kif dedotta fiċ-ċitazzjoni b'dan illi tikkundanna lid-ditta konvenuta tħallas lid-ditta attriċi s-somma ta' Lm1,150 (elf, mija u ħamsin liri maltin) rappresentanti l-bilanċ fuq prezz ta' diversi prodotti tad-ditta attriċi lilu mibjugħa u konsenjati u servizzi lilha resi, bl-ispejjeż, inkluzi dawk tal-ittra uffiċjali tal-11 ta' Mejju, 2001, u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-imsemmija ittra uffiċjali, kontra s-soċjeta konvenuta.

***Moqrija***

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**9 t'Ottubru, 2002**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur,**
**9 t'Ottubru, 2002**